MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 78/2013

**Michael Attard Limited (C32362)**

**vs**

**Patrick John Quigley**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-15 ta' Marzu 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' erbat elef, mitejn u tmienja u ghoxrin ewro u ghoxrin centesmu (€4,228.20) rapprezentanti bilanc minnu dovut rapprezentanti import ta' hmistax-il kambjala skaduti accettati u ffirmati minnu.

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut huwa notifikat skond il-ligi u dan skond ir-riferta tal-purtier Mario Mizzi datat 10 ta' April 2013 li tinsab inserita fl-atti a fol. 5 tal-process.

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' April 2013 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2013 il-konvenut ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tieghu tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut Patrick John Quigley ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, mitejn u tmienja u ghoxrin ewro u ghoxrin centesmu (€4,228.20) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------